# IR-RWOL TA' "L-OPRI" FIL-PJAN TA' ALLA TAL-FIDWA

Aħna nistgħu nsalvaw biss bil-grazzja ta' Alla, permezz tas-sagrifiċċu tad-demm ta' Ġesù Kristu. Ma hemm *xejn* li aħna qatt possibbilment nistgħu nagħmlu biex insalvaw lilna nfusna. Aħna m'għandniex il-qawwa biex nagħmlu dan, u ebda ammont ta' "samma tal-liġi," jew "atti ta' tjubija," jew "ritwali Levitiċi," jew "opri" ma jistgħu possibbilment jagħmlu lil Alla li jkun jistħoqqlu jagħmel dan għalina. Aħna ma nistgħux *naqilgħu* s-salvazzjoni.

Imma jfisser dan li xejn ma huwa meħtieġ mill-Kristjan? Nistgħu aħna noqgħodu bilqiegħda u "jkollna l-fidi" li aħna nkunu salvati?

Minn perspettiva Kristjana, *opri* tfisser *ubbidjenza lejn Alla*. Li nagħmlu opri tajba ma jistax iwassluna biex insalvaw, imma dan jiddetermina ħafna min ikun salv. Is-salvazzjoni tkun mogħtija b'xejn biss lil dawk li ***jindmu*** u ***jobdu*** lil Alla.

1. ***L-Opri Ta' Kristu Bħala Prova tal-Messija***
   a. **<u>Ġwanni 5:36</u>** – " "[36]*Iżda jien għandi xhieda akbar minn dik ta' Ġwanni: għax* ***l-opri*** *li bagħtni ntemm Missieri, jiġifieri dawn l-istess* ***opri*** *li jiena qiegħed nagħmel, jixhduli li l-Missier bagħatni.*"
   b. **<u>Ġwanni 14:10-12</u>** - "[10]*Ma temminx li jien fil-Missier, u l-Missier fija? Il-kliem li ngħidilkom ma ngħidux minni nnifsi: iżda l-Missier li jgħammar fija,* ***hu jagħmel l-opri****.* [11]*Emm-nuni li jien fil-Missier, u l-Missier fija, jew għallinqas emmnuni* ***minħabba l-opri nfushom****.* [12]*Tassew, tassew, ngħidilkom: Min jemmen fija****, l-opri*** *li nagħmel jien jagħmel hu wkoll; u opri akbar minn dawn jagħmel; għax jien sejjer għand Missieri*"
2. ***Opri*** **Kristjani Bħala Prova Ta' Kristjan**
   a. **<u>Ġwanni 15:5</u>** - "[5]*Jiena d-dielja, intom il-friegħi: Min jibqa' fija, u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott: għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.*"
   b. **<u>Mattew 5:16</u>** – "[16]*Ħa jiddi hekk id-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw* ***l-opri tajba tagħkom****, u jigglorifikaw lil Missierkom li qiegħed fis-smewwiet.*"
   ċ. **<u>Atti 9:36</u>** – "[36]*Issa f'Ġaffa kien hemm dixxipla jisimha Tabita, li mfissra tingħad Għażżiela: din il-mara kienet mimlija* ***b'opri tajba*** *u b'karità li kienet tagħmel.*"
   d. **<u>2 Korintin 12:12</u>** – "[12]*Tassew, is-sinjali ta' appostlu saru fostkom bis-sabar kollu, f'sinjali, u għeġubijiet, u* ***b'opri*** *setgħana.*"
   e. **<u>Ġakbu 3:13</u>** – "[13]*Min hu għaref u intelliġenti fostkom? Ħa juri b'imġiba tajba* ***l-opri*** *tiegħu bil-ħlewwa tal-għerf.*"

3. **Fidi Weħidha Mhix Biżżejjed**

a. **<u>Rumani 2:6-8</u>** – "[6]*Li jrodd lil kull bniedem* ***skont l-opri tiegħu****.* [7]*Lil dawk li bis-sabar ikomplu fl-għemil it-tajjeb ifittxu glorja, u ġieħ, u immortalità, il-ħajja ta' dejjem.* [8]*Iżda lil dawk li jmieru u ma jobdux il-verità, iżda jobdu l-ħażen, qilla u għadab.*"

b. **<u>Lhud 10:23-27</u>** – "[23]*Ħa nżommu sħiħ l-istqarrija tat-tama tagħna mingħajr ma nbiddlu fehmitna; għax fidil hu dak li wiegħed.* [24]*U ħa nieħdu ħsieb xulxin biex nitħeġġu fl-imħabba* ***u fl-opri tajba****;* [25]*Bla ma nonqsu li niltaqgħu flimkien, bħalma hi d-drawwa ta' x'uħud; iżda għamlu l-qalb lil xulxin: u l-aktar meta taraw riesaq il-jum.* [26]*Għax jekk wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità nidinbu minn rajna, ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir.* [27]*Jibqalna biss li nistennew bil-biża' l-ġudizzju u l-ħuġġieġa nar li teqred l-għedewwa ta' Alla.*"

## 4. "L-Opri Tiegħi Juruk il-Fidi Tiegħi"

a. **<u>Ġakbu 2:17-26</u>** – "[17]*Hekk ukoll il-fidi,* ***jekk m'għandhiex opri, hi mejta, billi hi weħidha****.* [18]*Iva, wieħed jista' jgħid: Int għandek il-fidi, u jien għandi* ***l-opri****: urini l-fidi mingħajr* ***opri****, u jien nurik il-fidi tiegħi* ***mill-opri****.* [19]*Inti temmen li Alla huwa wieħed, u tagħmel sew. U dan id-demonji wkoll jemmnuh, u jitriegħdu.* [20]*Imma trid tkun taf, ja bniedem fieragħ, li l-fidi bla* ***opri*** *ma tiswa għal xejn?* [21]*Abraham, missierna, mhux* ***bl-opri kien iġġustifikat****, meta offra 'l ibnu Iżakk fuq l-artal?* [22]*Tara kif il-fidi kienet taħdem ma'* ***l-opri*** *tiegħu,* ***u kif bl-opri l-fidi saret perfetta****?* [23]*U seħħet l-iskrittura li tgħid: Emmen Abraham lil Alla, u kien magħdud lilu b'ġustizzja: u kien imsejjaħ ħabib Alla.* [24]*Taraw mela kif* ***bl-opri jsir ġust il-bniedem****,* ***u mhux bil-fidi weħidha****.* [25]*Hekk ukoll Raħab, il-mara tad-dnub, mhux* ***bl-opri*** *kienet iġġustifikata, meta laqgħet il-messaġġiera, u tellqithom minn triq oħra?* [26]*Għax bħalma ġisem bla spirtu hu mejjet,* ***hekk il-fidi bla opri hi mejta****.*"

Il-biċċa l-kbira tal-Protestanti, jirreaġixxu għas-"sistema tal-opri" tal-Kattoliċiżmu Ruman, adottaw il-veduta estrema (u mhux skritturali) li l-opri m'għandhom *l-ebda rwol* fis-salvazzjoni tal-bniedem. Xi wħud jallegaw lis-salvazzjoni hija fuq il-bażi ta' "fidi weħidha," waqt li oħrajn (eżempju, Galvinisti radikali) jargumentaw li Alla għażel lill-mifdija qabel ma bdiet id-dinja, u li l-fidwa, għalhekk, hija għalkollox *mingħajr kondizzjoni*.

"Imma mhuwiex tassew" forsi xi ħadd jista' jargumenta, "li l-Iskrittura tgħid li aħna *m'aħniex* salvi bl-opri (Efesin 2:9)?" Iva, dak hu korrett. Imma huwa wkoll il-każ lit-Testment il-Ġdid jiddikjara li *aħna salvi*, jiġifieri, iġġustifikati, bl-opri (**Ġakbu 2:14, 24**). Billi l-Bibbja, hija l-Kelma ta' Alla, ma tikkontraddixix lilha nfisha, għandu jkun hemm soluzzjoni sensibbli għal din li forsi tidher li hija xi diffikultà. Kif il-problema għandha tkun riżoluta?

Tajjeb, mhuwiex (kif issuġġerixxa Luteru) li wieħed jinsab fil-libertà biex jirri-fjuta l-ktieb ta' Ġakbu bħala dokument mhux ispirat! Pjuttost, l-istudent bil-għaqal għandu jagħraf li hemm *kwalitajiet differenti* ta' opri ndirizzati fir-rakkont divin. Ħalli nagħtu konsiderazzjoni fil-qosor għal dan is-suġġett bi spirtu ta' investigazz-joni ġenwina.

## Opri tal-Liġi

Fl-ittra tiegħu lir-Rumani, l-appostlu Pawlu jagħmilha ċara li ħadd ma jista' jkun salvat billi jżomm, jew iħares l-opri tal-liġi ta' Mosè. Pawlu jargumenta li "*bniedem hu iġġustifikat bil-fidi mingħajr l-opri* ***tal-liġi****.*" (**Rumani 8:28**). It-terminu "liġi" f'dan il-passaġġ huwa aktar wiesà mis-sistema Możajka, għalkemm dan ċertament jinkludi dik il-liġi.

Dan ċertament ma jissuġġerixix, iżda, li *ubbidjenza għal Kristu* tista' tkun injorata b'impunità (jiġifieri, li tista' tkun meħlus mill-kastig jew ħsara). Fl-istess ittra tiegħu, Pawlu jafferma li dawn il-Kristjani f'Ruma kienu ħaddnu ħelsien mill-penalità tad-dnub b'riżultat talli kienu "ubbidjenti mill-qalb" ta' "dik il-għamla ta' dottrina" li għaliha intom kontu mogħtijin. (**Rumani 6:17**; qabbel versi **3-4**).

L-opri tal-liġi Możajka ma kienux jistgħu jsalvaw għaliex huma kienu jeħtieġu li jżommu sħiħ ma kull ħaġa miktuba (**Galatin 3:10b**), li ebda persuna ma kienet tista' tikseb. Barra dan, is-sistema ta' Mosè kellha biss id-demm tal-annimali, li ma kienx jista' jpatti għad-dnub fis-sens assolut (**Lhud 10:4**). L-enfasi primarja tas-sistema Lhudija kienet biex twassal l-attenzjoni għall-Messija li kien se jiġi (**Galatin 3:24-25**); din qatt ma kienet imfassla biex tipprovdi l-fażi aħħarija tal-pjan ta' Alla tas-salvazzjoni. Li kieku l-liġi Możajka kellha dik is-setgħa, Kristu qatt ma kien jeħtieġ li jmut bħala offerta għad-dnub (**Galatin 2:21**).

## Opri ta' Mertu Uman

Fl-Ittra tiegħu lill-Efesin, Pawlu kiteb: "*[8]Għax bil-grazzja intom salvati, permezz tal-fidi: u dan mhux minkom infuskom: dan hu don ta' Alla. [9]Mhux mill-opri, biex ħadd ma jiftaħar*" (**Efesin 2:8-9**).

L-opri hawn imħollija barra huma opri ta' karitatevoli lin-nies jagħmlu, jimma-ġinaw li ħaġa bħal din tiġġustifikahom, waqtg li huma, b'sodifazzjoni għalihom infu-shom, jinjoraw is-sagrifiċċju ta' Kristu u s-sistema Tiegħu tal-fidwa.

L-Għaqda tas-Salib Aħmar hija famuża għal l-isforzi tagħha ta' għajnuna, imma ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni li wieħed jista' jsib hemm, għaliex "l-opri" tagħha huma biss sforzi ta' għajnuna umana, mifrudin għalkollox mill-missjoni ta' l-Iben ta' Alla. Hekk ukoll naqraw fejn nies sinjuruni jagħtu miljuni ta' dollari għall-għajnuna, imma dawn ma jinteressahom xejn is-sagrifiċċju ta' fidwa ta' Kristu. Il-bniedem li jiftaħar: "jiena persuna tajba; Jiena ma neħtieġx lil Kristu," huwa ħati tal-istess żball.

## Opri ta' Ubbidjenza

Hemm opri msemmija fil-Bibbja li huma murija bħala "opri ta' Alla." B'din l-espressjoni mhuwiex implikat li dawn huma opri li Alla *Nnifsu* jwettaq. Pjuttost, dawn huma opri *ordnati minn Alla*, biex ikunu obduti mill-bnedmin, li huma indispensabbli għas-salvazzjoni.

Ikkunsidra test fi **Ġwanni, kapitlu 6**. Id-dixxipli staqsew lill-Mulej: "*X'għandna nagħmlu biex nagħmlu l-opri ta' Alla?*" Ġesù wieġeb "*L-opra ta' Alla hija din: li intom temmnu f'dak li hu bagħat*" (**versi 28-29**). Osserva li din "l-opra ta' [minn] Alla" kienet teħtieġ tweġiba umana – dik li temmen. Dwar it-terminu "opra" kif użat hawn, J.H. Thayer jikkummenta: "… l-opri meħtieġa u approvati minn Alla" (**Greek-English Lexicon of the New Testament,** Edinburgh: T.&T. Clark, 1958, p. 248).

It-terminu "opri" xi kultant huwa l-ekwivalenti ta' "ubbidjenza." Ġesù kien wiegħed vittorja lil dak li "*jirbaħ, u li josserva sa l-aħħar **l-opri tiegħi**, nagħtih awtorità fuq il-ġnus:*" (**Rivelazzjoni 2:26**)

Jekk, mela, "l-opri" kollha huma mneħħija mill-pjan tas-salvazzjoni, il-fidi nfisha tkun eliminata, għaliex din hija identifikata bħala opra.

Għandu jkun innutat ukoll li l-"indiema" hija komponent fl-iskema ta' Alla tal-fidwa (**Atti 2:38; 3:19**). U madankollu, l-indiema hija kklassifikata bħala "opra." Ġesù darba qal li n-nies ta' Ninwè l-antika "nidmu" meta Ġona ppridkalhom (**Mattew 12:41**). Il-ktieb ta' Ġona jispjega t-tifsira ta' dan. Alla ra "*l-opri li reġgħu lura minn triqthom il-ħażina*" (**Ġona 3:10**). Ma hemm l-ebda dubju dwar dan, opri – ta' *ċerta kwalità* – huma parti mill-proċess tas-salvazzjoni.

## Hija l-Magħmudija Opra ta' Mertu?

Il-verità hija, u ħafna minn dawk f'denominazzjonijiet ftit għandhom diffikultà f'li jagħrfu u jaċċettaw li l-fidi u l-indiema huma meħtieġa għall-maħfra tad-dnubiet, *ukoll għalkemm dawn huma kklassifikati bħala **opri** fl-Iskrittura*. Il-punt reali ta' nuqqas ta' qbil huwa l-magħmudija. Dawk l-għalliema denominazzjonali jgħidu illi jekk aħna naqblu li l-magħmudija hija essenzjal għas-salvazzjoni, dan ikun ekwivalenti għal li targumenta li l-maħfra hija maqlugħa. Il-magħmudija, huwa akkużat, li hija opra ta' *mertu uman*, ukoll għalkemm ***imkien*** dan ma jista' jkun ippruvat fl-Iskrittura Mqaddsa. Taħt din is-suppożizzjoni, il-magħmudija hija għal-hekk (minn ħafna nies sinċiera) imneħħija minn bħala ħtieġa għas-salvazzjoni. Imma dan l-irraġunar huwa żbaljat għalkollox u falz.

Fl-ewwel post, l-uniku passaġġ fit-Testment il-Ġdid li saħansitra jidentifika b'mod l-aktar rimot il-magħmudija bħala "opra" jinsab fil-ktieb ta' Kolossin. Hemm, l-appostlu Pawlu jgħid, "*[K]ontu midfunin miegħu fil-magħmudija, li fiha intom ukoll qomtu miegħu permezz tal-fidi fil-ħidma ta' Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet*" (**Kolossin 2:12**).

Imma l-att li wieħed jissottometti lilu nnifsu għall-immersjoni mhuwiex ta' mertu; l-operazzjoni hija "*ħidma ta' Alla*" imfassla biex tipprovdi maħfra fuq il-bażi tal-mewt ta' Ġesù. "Kontu midfunin miegħu fil-magħmudija…" Fl-att tal-magħmudija bil-fidi, aħna midfunin ma' Kristu. Il-Bibbja ma tgħidx li l-magħmudija hija biss simbolu tad-difna u l-qawmien spiritwali tagħna. Il-Bibbja ma tgħidx li l-midneb hu midfun u mqajjem ma' Kristu bil-fidi weħidha, salvat, u mbagħad huwa mgħammed biex jissimbolizza dik id-difna spiritwali. Dik id-dottrina, jew tagħlim, ċertament li mhix mis-sema imma mill-bnedmin. Dan il-passaġġ igħid ċar ħafna l-kontra ta' dak it-tagħlim falz; fil-magħmudija aħna nkunu qegħdin inpoġġu l-fidi tagħna mhux fina nfusna imma "***fil-ħidma ta' Alla***". Fil-fatt, billi dan huwa l-każ, mela wieħed li jkun għandu mhux mgħammed għall-maħfra tad-dnubiet ikun għadu ma poġġix il-fidi tiegħu (jew tagħha) "fil-ħidma ta' Alla"! Aktar ukoll huwa l-fatt li jekk jiena niċħad in-neċessità tal-magħmudija allura nkun qiegħed niċħad il-ħtieġa tiegħi biex inpoġġi l-fidi tiegħi "fil-ħidma ta' Alla". Ukoll, il-mistoqsija: "il-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet" hija mis-sema jew mill-bnedmin?" Hawn xi ħadd li huwa daqshekk prużuntuż li jwieġeb li hija "mill-bnedmin"?

Hekk ukoll, il-magħmudija mhijiex opra ta' mertu uman; pjuttost, hija att li kien ikkmandat minn Alla: "*U **kkmadahom** biex jitgħammdu f'isem il-Mulej…*" (**Atti 10:48**), għall-maħfra tad-dnubiet: "[38]*U Pietru weġibhom: Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu **għall-maħfra ta' dnubietkom**; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (**Atti 2:38**), u l-"qawmien" effettwat f'dak ir-ritwal (li huwa għall-ħajja ġdida—**Rumani 6:4**) huwa "ħidma ta' Alla," u mhux ta' inġenjożità (ħila) umana. Nistaqsi jien lil dawk li jemmnu b'salvazzjoni "bil-fidi weħidha" u li kieku dawk ***ma obdewx dak il-kmand biex jitgħammdu***, x'kien jiġri minnhom, kienu huma jsalvaw jew jintilfu? Li kieku dawk ***ma obdewx dak il-kmand biex jitgħammdu*** kienu huma jibdew "***ħajja ġdida***"? Tibda l-ħajja ġdida ***qabel*** il-magħmudija jew ***WARA***?

L-att li tissottometti l-immersjon mhuwiex ta' mertu; l-operazzjoni hija "*ħidma ta' Alla*" imfassla biex tipprovdi maħfra fuq il-bażi tal-mewt ta' Ġesù. Persuna hija mbierka spiritwalment bil-ħidma ta' Alla meta hija tissottometti għall-ordinanza sagra. Imkien ma' l-Iskrittura xi mkien tiġi qrib li tissuġġerixxi li sottomissjoni għall-kmand ta' Alla, "kunu mgħammdin" (**Atti 2:38; 22:16**), huwa opra *meritevoli*.

Huwa ta' ħażen kbir li tħassar obligu mogħti divinament billi tissuġġerixxi li huwa opra ta' mertu uman. Żomm f'moħħok, meta taqra **Kolossin 2:12** l-espressjoni "***ħidma ta' Alla***," u rreġistra din in-notazzjoni: *Salvazzjoni permezz ta' magħmudija li hija ħdima ta' Alla; mhux opra ta' mertu uman*. (Issa aqra Efesin 5:6.)

It-tieni, il-Bibbja speċifikament *teskludi* l-magħmudija minn kull xorta ta' opri li m'għandhom ebda relazzjoni għas-salvazzjoni. L-appostlu Pawlu, fl-ittra tiegħu lil Titu, afferma li aħna "*Mhux bl-opri tajb [salvajna] li konna għamilna*" jiġifieri, li aħna nivvintaw u nimplimentaw bħala mezz ta' ġustifikazzjoni.

Pjuttost, "*iżda skont il-ħniena tiegħu salvana, bil-ħasil tat-twelid mill-ġdid, u t-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Titu 3:5). Il-ħasil tat-twelid mill-ġdid" (riferenza indisputabbli għall-magħmudija) huwa biċ-ċar imqiegħed f'kuntrast għal dawk "l-opri" umani li huma bla ebda effett biex isalvaw.

L-istudent kunxjenzjuż tal-Bibbja għandu l-ħtieġa li jħassa għalkollox minn moħħu l-idea falza li "opri" huma barrannin għalkollox għall-pjan ta' Alla tas-salvazzjoni. Imma jekk inti konf konfuż dwar ir-rwol ta' l-opri fil-mudell divin tal-konverżjoni, għaliex ma twarrarbx it-tagħlim falz tal-bnedmin u tħalli l-Kelma ta' Alla tiggwidak Hi?

Mela ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, tgħidilna hi dwar l-opri differenti li naqraw fiha.

1. **Ġustifikazzjoni *bl-Opri***
   a. **<u>Ġakbu 2:21, 22, 24</u>** – "[21]*Jaqaw Abraham missierna mhux **bl-opri kien iġġustifikat** meta offra lil ibnu Iżakk fuq l-artal? [22]B'hekk tara kif il-fidi ħadmet id f'id **ma' l-opri** tiegħu, u kif bil-ħila **ta' l-opri** il-fidi laħqet fl-aqwa tagħha…. [24]Taraw, mela li l-bniedem ikun iġġustifikat **bl-opri**, **mhux bil-fidi biss**. [25]Hekk ukoll Raħab, il-mara tad-dnub, mhux **bl-opri kienet iġġustifikata**, meta laqgħet il-messaġġiera, u tellqithom minn triq oħra? [26]Għax bħalma ġisem bla spirtu hu mejjet, hekk **il-fidi bla opri hi mejta**.*"
2. **Nigglorifikaw lil Alla *bl-Opri* tagħna.**
   b. **<u>Mattew 5:15</u>** – "[16]*Ħa jiddi hekk id-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw **l-opri tajba tagħkom**, **u jigglorifikaw lil Missierkom** li qiegħed fis-smewwiet.*"
3. **Nagħtu kont lil Alla *skont l-Opri* tagħna.**
   a. **<u>Mattew 16:27</u>** – "[27]*Għax bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru ma' l-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil kull wieħed **skont l-opri tiegħu**.*"
   b. **<u>Mattew 25:31-46</u>** – "[31]*Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. [32]U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-mogħoż; [33]In-ngħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug. [34]Imbagħad is-Sultan igħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li thejjiet għalikom sa mis-sisien tad-dinja. [35]Għax kelli l-ġuħ, u **tajtuni** niekol: kelli l-għatx, u **tajtuni** nixrob: barrani kont, u **lqajtuni**: [36]Għarwien, u **libbistuni**: marid kont, u **żortuni**: fil-ħabs kont, u **ġejtu tarawni**. [37]Imbagħad iwiġbuh in-nies sewwa, billi jgħidu: Mulej, meta rajniek bil-ġuħ, u tmajniek, jew bil-għatx, u sqejniek? [38]Meta rajniek barrani, u lqajniek? Jew għarwien, u libbisniek? [39]U meta rajniek*

*marid, jew fil-ħabs, u gejna għandek? [40]U s-Sultan iweġibhom u jgħid, 'Tassew, ngħidilkom, kull ma **għamiltu** ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, **għamiltuh** miegħi.' [41]Imbagħad igħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug, 'Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li thejja għax-xitan u għal l-anġli tiegħu. [42]Għax kelli l-ġuħ, u **ma tajtunix niekol**: kelli l-għatx, u **ma tajtunix nixrob**: [43]Barrani kont, u **ma lqajtunix**: għarwien, u **ma libbistunix**; marid, u fil-ħabs, u **ma żortunix**. [44]Imbagħad iwiġbuh huma wkoll, billi igħidu: Mulej, meta rajniek bil-ġuħ, jew bil-għatx, jew barrani, jew għarwien, jew marid, jew fil-ħabs, u ma waqafniex miegħek? [45]Iweġibhom imbagħad u jgħidilhom, 'Tassew, ngħidilkom, dak li **ma għamiltux** ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi **ma għa-miltuh**. [46]U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem**.*

c. **<u>Rumani 2:5-6</u>** – "*[5]Imma bl-ebusija ta' rasek u qalbek bla ndiema int taħżen fik innifsek il-għadab għall-jum il-għadab, meta jidher il-ġudizzju ġust ta' Alla; [6]Li jrodd lil kull bniedem **skont l-opri tiegħu**.*"

d. **<u>2 Korintin 11:14-15</u>** – "*[14]Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl. [15]Mhix ħaġa kbira mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbidd-lulek bħallikieku kienu ministri tal-ġustizzja. Iżda tmiemhom ikun **skont l-opri tagħhom**.*"

**4. Mhux iġġustifikat bl-Opri tal-Ligi tat-Testment il-Qadim.**

a. **<u>Rumani 3:20, 25</u>** – "*[20]Għalhekk ħadd ma jkun iġġustifikat quddiemu **bl-opri tal-liġi**: għax bil-liġi jingħaraf id-dnub…. [28]Għalhekk aħna nżommu li bniedem hu iġġustifikat bil-fidi mingħajr **l-opri tal-liġi**.*"

b. **<u>Rumani 4:1-2, 6</u>** – "*[1]Xi ngħidu mela li sab Abraham l-antenat tagħna skont il-ġisem? [2]Għax jekk Abraham kien iġġustifikat **bl-opri**, għandu biex jiftaħar; iżda mhux quddiem Alla….[6]Bħalma wkoll igħid David li mbierek hu l-bniedem, li Alla jgħoddlu l-ġustizzja **mingħajr opri**.*"

c. **<u>Rumani 9:1-1</u>** – "*[30]Xi ngħidu mela? Li l-Ġentili, li ma kinux ifittxu l-ġustizzja, sabu l-ġustizzja; anzi l-ġustizzuja li tiġi mill-fidi: [31]Iżda Iżrael, li kien jimxi mal-liġi tal-ġustizzja, ma wasalx sal-liġi. [32]Għaliex? Għax ma kinux ifittxuha bil-fidi, **imma bl-opri tal-liġi**.*"

d. **<u>Galatin 2:16</u>** – "*[16]Billi nafu li l-bniedem mhux iġġustifikat **bl-opri tal-liġi**, imma bil-fidi f'Ġesù Kristu, għalhekk aħna wkoll emminna f'Ġesù Kristu biex inkunu ġġustifikati bil-fidi fi Kristu, u **mhux bl-opri tal-liġi**: għax **bl-opri tal-liġi** ħadd ma jkun iġġustifikat.*"

e. **<u>Galatin 3:1-14</u>** – "*[1]Ja Galatin boloh, min saħħarkom, intom li quddiem għajnejkom Ġesù Kristu kien impinġi msallab? [2]Dan biss irrid naf minn għandkom: Ħadtu l-Ispirtu **bl-opri tal-liġi**, jew għax smajtu l-fidi? [3]Daqshekk intom boloh? Wara li bdejtu bl-Ispirtu, sirtu*

*issa perfetti bil-ġisem? [4]Batejtu dak kollu għal xejn? jekk tassew għadu għal xejn. [5]Mela dak li jagħtikom l-Ispirtu, u jagħmel il-mirakli fostkom, jagħmel dan* ***bl-opri tal-liġi****, jew b'dak li smajtu fuq il-fidi? [6]Bħalma Abraham emmen f'Alla, u dan kien magħdud lilu bħala ħaqq. [7]Kunu afu mela, li dawk tal-fidi, dawk huma wlied Abraham. [8]U l-Iskrittura, li rat minn qabel li Alla kellu jiġġustifika l-Ġentili permezz tal-fidi, ħabbret minn qabel lil Abraham: Fik jitbierku l-ġnus kollha. [9]Hekk mela dawk li huma tal-fidi huma mberkin ma' Abraham li emmen. [10]Għax dawk kollha li jżommu ma'* ***l-opri tal-liġi*** *huma taħt is-saħta: għax hu miktub: Misħut kull min ma jibqax iżomm sħiħ ma' kull ħaġa miktuba fil-ktieb tal-liġi biex iħarisha. [11]Imma li l-ebda bniedem ma hu ġġustifikat bil-liġi quddiem Alla, hu ċar; għax, il-ġust igħix bil-fidi. [12]U l-liġi mhix tal-fidi: iżda, il-bniedem li jħarishom, igħix bihom. [13]Kristu fdiena mis-saħta tal-liġi, billi sar saħta għalina: għax hu miktub: Misħut kull min ikun imdendel ma' għuda. [14]Biex il-barka t'Abraham tinżel fuq il-Ġentili f'Ġesù Kristu; biex aħna nieħdu permezz tal-fidi l-wegħda ta' l-Ispirtu.*"

5. **Opri tajba mhejja minn Alla**
    a. **<u>Efesin 2:8-10</u>** – "*[8]Għax bil-grazzja intom salvati, permezz* ***tal-fidi****: u dan mhux minkom infuskom: dan hu don ta' Alla. [9]Mhux* ***mill-opri****, biex ħadd ma jiftaħar. [10]Għax aħna x-xogħol tiegħu,* ***maħluqin fi Kristu Ġesù għall-opri tajba, li Alla hejja minn qabel biex nimxu fihom****.*"
    b. **<u>1 Timotju 5:10, 25</u>** – "*[10]Għandha tkun magħrufa* ***għall-opri tajba****; jekk rabbietx l-ulied; jekk laqgħitx il-barranin; jekk ħaslitx saqajn il-qaddisin; jekk għenitx l-imsejknin; jekk għamlitx bil-għaqal minn kull* ***opra tajba****….[25]Hekk ukoll* ***l-opri tajba*** *ta' x'uħud jidhru minn qabel; u dawk li ma jidhrux ma jistgħux jibqgħu moħbija.*"
    c. **<u>1 Timoju 6:18-19</u>** – "*[18]Biex jagħmlu t-tajjeb, biex* ***ikunu għonja b'opri tajba****, lesti biex ikunu jdejhom miftuħa, u jaqsmu ma' l-oħrajn:* ***[19]U jaħżnu għalihom teżor mibni fuq sisien tajba għaż-żmien li ġej, biex jiksbu l-ħajja ta' dejjem****.*"
    d. **<u>2 Timotju 1:9</u>** – "*[9]Li salvana, u sejħilna b'sejħa qaddisa, mhux skont* ***l-opri tagħna****, iżda* ***skont il-għan tiegħu*** *u l-grazzja tiegħu, li kienet mogħtija lilna fi Kristu Ġesù qabel ma bdew iż-żminijiet.*"
    e. **<u>Titu 2:7, 11-15</u>** – "*[7]Uri lilek innifsek f'kollox xempju ta'* ***opri tajba****: fit-tagħlim, nuqqas ta' taħsir, għaqal, sinċerità….[11]Għax il-grazzja ta' Alla li ġġib* ***is-salvazzjoni*** *dehret lill-bnedmin kollha, [12]U għallmitna niċħdu l-ħażen u x-xewqat tad-dinja, biex ingħixu bil-qjies, bil-ħaqq, u bit-tjieba, fiż-żmien ta' issa. [13]Nistennew dik it-tama mbierka, u d-dehra glorjuża t'Alla l-kbir, u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. [14]Li ta lilu nnifsu biex jifdina minn kull ħażen, u jnaddaf għalih innifsu poplu, li hu tiegħu,* ***imħeġġeġ għall-opri tajba****.*

*[15]**Dawn il-ħwejjeġ tkellem**, u widdeb, u ċanfar bis-setgħa kollha. Tħalli 'l ħadd min imaqdrek.*"

f. **Titu 3:7-8** – "*[7]Biex wara li nkunu iġġustifikati bil-grazzja tiegħu, insiru werrieta skont it-tama tal-ħajja ta' dejjem. [8]Din kelma vera: u fuq dawn il-ħwejjeġ irridek tħaqqaq ta' spiss, biex dawk li jemmnu f'Alla jieħdu ħsieb li jagħtu ruħhom **għall-opri ġusti**. Dawn il-ħwejjeġ huma tajbin u ta' fejda għall-bnedmin.*"

g. **Lhud 10:24** – "*[24]U ħa nieħdu ħsieb xulxin biex nitħeġġu fl-imħabba u **fl-opri tajba**;*"

**6. Fidi u Opri, fl-imkien**

a. **Ġakbu 2:14-26** – "*[14]**X'jiswa**, ħuti, jekk wieħed igħid li għandu l-fidi, **u m'għandux opri?** Tista' l-fidi ssalvah? [15]Jekk ħu jew oħt huma għarwenin, u neqsin mill-ikel ta' kuljum, [16]U jgħidilhom wieħed minn-kom: Morru bis-sliem, isħnu u ixbgħu; mingħajr ma tagħtuhom dawk il-ħwejjeġ li jinħtieġu għall-ġisem, x'jiswa? **[17]Hekk ukoll il-fidi, jekk m'għandhiex opri, hi mejta, billi hi weħidha**. [18]Iva, wieħed jista' jgħid: Int għandek il-fidi, u jien **għandi l-opri**: urini l-fidi mingħajr **opri**, u jien nurik il-fidi tiegħi **mill-opri**. [19]Inti temmen li Alla huwa wieħed, u tagħmel sew. U dan id-demonji wkoll jemmnuh, u jitriegħdu. [20]Imma trid tkun taf, ja bniedem fieragħ, **li l-fidi bla opri ma tiswa għal xejn? [21]Abraham, missierna, mhux bl-opri kien iġġustifikat**, meta offra 'l ibnu Iżakk fuq l-artal? [22]Tara kif **il-fidi kienet taħdem ma' l-opri** tiegħu, u **kif bl-opri l-fidi saret perfetta**? [23]U seħħet l-iskrittura li tgħid: Emmen Abraham lil Alla, u kien magħdud lilu b'ġustizzja: u kien imsej-jaħ ħabib Alla. **[24]Taraw mela kif bl-opri jsir ġust il-bniedem, u mhux bil-fidi weħidha**. [25]Hekk ukoll Raħab, il-mara tad-dnub, **mhux bl-opri kienet iġġustifikata**, meta laqgħet il-messaġġiera, u tellqithom minn triq oħra? [26]Għax bħalma ġisem bla spirtu hu mejjet, **hekk il-fidi bla opri hi mejta**.*"

b. **1 Pietru 2:12** – "*[12]Ħa jkollkom imġieba onesta qalb il-Ġentili; biex, f'dak li jgħidu kontra tagħkom, bħala nies li tagħmlu d-deni, jistgħu **bl-opri tajba** tagħkom, li huma jaraw, ifaħħru 'l Alla f'jum iż-żjara tiegħu.*"

ċ. **Rivelazzjoni 2:2-5, 23, 26** – "*[2]**Naf l-opri** tiegħek, u t-taħbit tiegħek, u s-sabar tiegħek, u kif ma tiflaħx għall-ħżiena: u int ġarrabt lil dawk li jgħidu li huma appostli, u mhumiex, u sibthom giddieba: [3]U batejt, u kellek is-sabar, u tħabatt minħabba ismi, u ma għejjejtx. [4]Imma għandi dan kontra tiegħek: li int ħallejt l-ewwel imħabba tiegħek. [5]Ftakar mela minn fejn int imwaqqa', u indem, **u għamel l-opri ta' qabel**; inkella niġi malajr għalik, u nneħħi s-sieq tal-lampa tiegħek minn postha, jekk ma tindimx….[23]U noqtol bil-mewt lil uliedha; u jagħrfu l-knejjes kollha li jien hu dak li jfittex fil-ġewwieni u l-qlub: u li*

*nagħti lil kull wieħed minnkom* ***skont l-opri tagħkom****….. [26]U dak li jirbaħ, u li josserva sa l-aħħar* ***l-opri tiegħi****, nagħtih awtorità fuq il-ġnus:*”

h. **<u>Rivelazzjoni 20:12-13</u>** – “*[12]U rajt il-mejtin, kbar u żgħar, weqfin quddiem Alla; u nfetħu l-kotba: u nfetaħ ktieb ieħor, li hu l-ktieb tal-ħajja: u kienu ġġudikati l-mejtin fuq dawk il-ħwejjeġ li kienu miktubin fil-kotba,* ***skont l-opri tagħhom****. [13]U l-baħar radd il-mejtin li kienu fih; u l-mewt u Ħades raddew il-mejtin li kienu fihom: u huma kienu ġġudikati kull wieħed* ***fuq l-opri tagħhom****.*”

**7. L-Iskrittura thejjina għal l-opri tajba.**

a. **<u>2 Timotju 3:16-17</u>** – “*[16]L-Iskrittura kollha hija ispirata minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, jikkoreġi u jrawwem fis-sewwa, [17]Biex il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imhejji* ***għal kull opra tajba****.*”